# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# IMĦALLEF
# ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 11 ta' Jannar 2017

**Kawża Nru: 5**

**Rikors Ġuramentat Nru: 1327 / 02 JA**

**Corinne Apap Bologna u Gordon Mizzi**

**-vs-**

**Demoncada Limited, Kenneth C. Mizzi, Veronique Mizzi u Angele Calleja**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata mill-atturi fil-25 ta' Novembru 2002 fejn permezz tiegħu premettew:

Illi r-rikorrenti għandhom għoxrin fil-mija tal-ishma kull wieħed tas-soċjetá intimata Demoncada Limited u ilhom membri ta' din il-kumpanija għal diversi snin;

Illi l-intimati Kenneth C. Mizzi, Veronique Mizzi u Angele Calleja għandhom il-bqija tal-ishma, u ċjoe' għoxrin fil-mija kull wieħed tal-istess soċjetá Demoncada Limited;

Illi fis-sena 1972, meta ġiet imwaqqfa l- fuq imsemmija soċjetá ġew ukoll imwaqqfin żewġ soċjetajiet oħra bl-isem ta' Devilhena Limited u Daragon Limited u l-azzjonisti ta' dawn iż-żewġ kumpaniji huma lkoll membri tal-istess familja u lkoll jiġu minn xulxin;

Illi s-soċjetá Demoncada Limited għandha terz mill-ishma tas-soċjetajiet Kastell Limited, Consolidated Holdings Limited, Falcon Wines & Spirits Limited u Mizzi Holdings Limited;

Illi l-ishma l-oħra fis-soċjetajiet Kastell Limited u Falcon Wines & Spirits Limited jappartjenu lil Daragon Limited u Devilhena Limited in kwantu għal terz mill-ishma kull wieħed filwaqt li l-ishma l-oħra fis-soċjetajiet Consolidated Holdings Limited u Mizzi Holdings Limited jappartjenu lil Maurice Mizzi u Daragan Limited in kwantu għal terz mill-ishma kull wieħed;

Illi 'l fuq imsemmija soċjetajiet flimkien u wkoll flimkien mas-soċjetá The General Soft Drinks Company Limited, jifformaw u jaġixxu bħala grupp u l-kontijiet tagħhom huma sew separati kemm konsolidati, billi jitmexxew bħala grupp taħt in-nom ta' Mizzi Organisation u b'hekk l-interess tal-atturi jinfirex fuq kull waħda minn dawn il-kumpaniji;

Illi l-istruttura tat-tlett kumpaniji prinċipali, u ċjoe' Demoncada Limited, Daragon Limited u Devilhena Limited, ġiet imfassla bil-ħsieb illi tippermetti li jkun hemm rappreżentanza ta' kull azzjonista f'kull waħda mit-terz tal-ishma tal-fuq imsemmija kumpaniji kif ukoll ta' dawk il-kumpaniji sussidjarji tagħhom u dan kemm fil-bord diriġenti, kif ukoll fl-amministrazzjoni tad-diversi kumpaniji;

Illi madanakollu din l-istruttura m'hijiex tiġi rispettata tant illi n-negozju tal-istess soċjetajiet u diversi soċjetajiet oħra appartenenti lill-istess grupp ta' soċjetajiet qegħdin jiġu ġestiti b'mod li jarreka preġudizzju evidenti u serju lill-atturi u dan billi, fost affarijiet oħra, tali negozju qed jitmexxa b'mod irresponsabbli mid-Diretturi, eskluż ir-rikorrent Gordon Mizzi, fejn anki jirriżulta kunflitt ta' interess fit-tmexxija tagħhom u saħansitra saru dikjarazzjonijiet foloz, kif ser jiġi ppruvat aħjar tul is-smigħ tal-kawża;

Illi r-rikorrent Gordon Mizzi kien wieħed mid-Diretturi tas-soċjetá intimata Demoncada Limited iżda ġie mneħħi minn din il-kariga fil-11 ta' Novembru, 2002. Permezz ta' dan l-aġir, l-azzjonisti membri tal-kumpanija intimata li vvutaw favur tali tneħħija, eskludew lir-rikorrent Gordon Mizzi kompletament milli jipparteċipa fid-deċiżjonijiet li jittieħdu fis-soċjetá u wkoll qegħdin jippruvaw jaqtgħulu kompletament id-dħul tiegħu mis-salarju li kien jirċievi bħala Direttur u kwalunkwe qliegħ ieħor relatat ma tali pożizzjoni;

Illi bit-tneħħija tar-rikorrent mid-Direttur huwa ġie prekluż milli jagħmel kwalunkwe tentattiv fil-poter tiegħu sabiex jikkawtela d-drittijiet tal-azzjonisti, fosthom tar-rikorrenti Corinne Apap Bologna, kif ukoll l-interess tiegħu personali bħala wieħed minnhom;

Illi t-tneħħija tar-rikorrent minn Direttur ma kinitx waħda li saret in bona fede u lanqas ma saret fl-aħjar interess tas-soċjetá Demoncada Limited;

Illi permezz ta' din it-tneħħija r-rikorrenti qegħdin jiġu esklużi b'mod ġenerali milli jipparteċipaw fil-*management* tal-grupp magħruf bħala Mizzi Organisation;

Illi l-mekkaniżmi ta' amministrazzjoni tal-istess grupp ta' soċjetajiet qiegħed progressivament jaggrava l-pożizzjoni tal-istess rikorrenti billi qiegħed jikkonċentra l-poter deċiżjonali effettiv u l-qliegħ li jsir mill-grupp dejjem f'idejn ċirku ristrett ta' persuni tant illi r-rikorrenti

qegħdin jiġu assoġġettati għal sistema ta' opressjoni u abbuż ta' natura kontinwa u persistenti, li hija oneruża, kiefra u ħażina;

Illi *nonostante* d-diversi lmenti ġusti tal-atturi baqa' ma sar sostanzjalment xejn biex is-sitwazzjoni tiġi rranġata u l-pożizzjoni tal-azzjonisti tiġi miljorata, anzi qegħdin jittieħdu passi ulterjuri, fosthom it-tneħħija tar-rikorrent Gordon Mizzi minn Direttur, sabiex jostakolaw lir-rikorrenti fit-tentattivi tagħhom li jissalvagwardjaw id-drittijiet tagħhom;

Illi fil-fatt ir-rikorrenti jirriservaw li fix-xhieda tagħhom u tul it-trattazzjoni tal-kawża jispjegaw aħjar u iktar fid-dettall kif dan l-abbuż qiegħed iseħħ u kif din l-oppressjoni, esklużjoni u diskriminazzjoni qed tiġi sistematikament prattikata fil-konfront tagħhom;

Illi għalhekk jeżistu raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpanija;

Għaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpanija;

2. Tordna x-xoljiment tal-kumpanija Demoncada Limited u dan a tenur tal-artikolu 214(2) u l-artikoli l-oħra relattivi tal-Att Dwar il-Kumpaniji;

3. Taħtar stralċjarju, jekk ikun il-każ għal dan l-iskop.

Salv kull provvediment ulterjuri li jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fis-7 ta' Frar 2003 li permezz tagħha eċċepew:

1. Preliminarjament ir-rikorrenti ma għandhomx *locus standi* peress illi rikors għall-stralċ a tenur tal-Artikolu 218 tal-Companies Act jista' jsir biss jew mill-kumpanija wara deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kredituri jew kreditur, jew minn xi kontributorju jew kontributorji.

2. Preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-aggravji u l-allegazzjonljiet miġjuba 'il quddiem mir-rikorrenti huma mertu ta'kawża pendenti quddiem dina l-Qorti fl-ismijiet **"Gordon Mizzi et vs Dr. John C. Grech et"** (Ċit. Nru 921/02 JRM) u għalhekk għandu japplika il-prinċipju *ne bis in idem*.

3. Dejjem bla preġudizzju għas-suespost fil-meritu l-esponenti jissottomettu illi għal dak illi jirrigwarda l-fatti esposti fl-ewwel paġna tar-rikors dawna mhumiex kontestati.

4A. Illi il-fatti esposti fl-ewwel żewġ paragrafi tat-tieni paġna tar-rikors huma inveridiċi. Is-soċjetajiet Demoncada Limited, Daragon Limited jew Maurice Mizzi u Devilhena Limited għandhom terz kull wieħed mill-ishma tas-soċjetajiet Kastell Limited, Consolidated Holdings Limited, Falcon Wines & Spirits Limited u Mizzi Holdings Limited. Għalkemm ma hemmx l-ebda dispożizzjoni fl-istatut ta'dawn is-soċjetajiet illi jobbligahom jinnominaw fuq il-Bord tad-diretturi tagħhom membri tas-soċjetajiet Demoncada, Daragon jew Maurice Mizzi u Devilhena fil-fatt l-istess Bordijiet kienu u għadhom komposti mill-membri tal-familja Mizzi salv għaċ-Chairman John C. Grech b'mod illi kull waħda mis-soċjetajiet Demoncada, Daragon jew Maurice Mizzi u Devilhena għandha d-debita rappreżentanza tat-tlett familji. Iżda kuntrarjament għal dak illi qed jiġi allegat mir-rikorrenti qadt ma kien l-intendiment illi kull membru minn kull familja jkollu dritt sagrosant illi jifforma parti mil-Bord tad-diretturi

ta' kull soċjetá illi fiha Demoncada, Daragon jew Maurice Mizzi u Devilhena għadhom interess sia dirett sew indirett.

4B. Illi mhux korrett dak illi qed jiġi allegat dwar l-amministrazzjoni tas-soċjetajiet hawn fuq immsemija. Dina l-allegazzjoni qeda tiġi respinta bl-aktar mod kategoriku. *Del resto* jingħad illi sa ftit xhur ilu l-istess rikorrent Gordon Mizzi kien direttur tagħhom u allura r-rikorrenti qed jagħti x'jifhem illi hu stess kien parteċipi għal 30 sena sħaħ f'ġestjoni ħażina!

5. Dwar il-fatti esposti fit-tielet paragrafu tat-tieni paġna tar-rikors hu minnu illi Gordon Mizzi ġie rimoss minn direttur tas-soċjetá Demoncada Limited fil-11 ta' Novembru 2002. Dana sar a tenur tal-Artikolu 140 (1) tal-Companies Act liema artikolu jagħti dritt lill-azzjonisti biex jieħdu passi għat-tneħħija ta' direttur permezz ta' riżoluzzjoni li tittieħed f'laqgħa ġenerali tal-kumpanija. L-Artikolu 140 (2) imbagħad jipprovdi speċifikament illi d-dispożizzjonijiet *"tas-sub-Artikolu (1) ta dan l-artikolu (l-Artikolu l4o (1)) japplikaw minkejja kull ħaġa li tinstab fil-memorandum jew fl-istatut tal-kumpanija jew f'xi ftehim bejnha u d-diretturi"*. L-esponenti josservaw illi soċjetá tappartjeni lill-azzjontsti u jispetta lilhom illi jagħżlu min għandu bħala direttur iservi s-soċjetá. Palmer fl-opra tiegħu "Palmer's Company Law" *21st Edition* f'paġna 544 'Removal of Directors' jgħid hekk *"Where the shareholders have no powers, apart that given by statue or articles ... to intervene in the management of the company's affairs, this Section* (140 tagħna) *which cannot be abrogated* (is-sottolinear tal-esponenti) *enables them to control the directors by removing them. This section enables the shareholders to assert themselves against the directors, if need be, and make it clear that the ultimate control is in the hands of the proprietors of the company"*.

L-Artikolu 140 (3) jagħti dritt ta' azzjoni lil tali direttur kontra s-soċjetá għall-kumpens jew dannu imma mhux id-dritt li jitlob għall-istralċ tas-soċjetá kif qishom qedin jippretendu li għandhom ir-

rikorrenti. F'kull każ salv għad-*dividends* ir-rikorrent Gordon Mizzi ma kienx jipperċepixxi l-ebda salarju jew xi forma ta' ħlas minn Demoncada Limited meta kien jesplika il-mansjonijiet ta' direttur.

6. Illi għal dak illi qed jiġi allegat fir-raba' paragrafu tat-tieni paġna tar-rikors Gordon Mizzi ma għandu l-ebda dritt kif qed jippretendi illi jiġi nominat direttur biex jissalvagwardja l-interess tiegħu u tar-rikorrenti l-oħra Corinne Apap Bologna. Il-fatt illi wieħed ma jesplikax il-mansjonijiet ta' direttur ma jfissirx illi l-interessi tiegħu qua azzjonista m'humiex qedin jiġu salvagwardati. L-esponenti jippreċiżaw illi kieku Gordon Mizzi kellu jokkupa l-kariga ta' direttur ikun obbligat illi jissalvagwarda l-interess ta' kull azzjonista u mhux l-interessi tiegħu biss.

7. Illi t-tneħħija ta' Gordon Mizzi minn direttur la saret in male fede u lanqas kapriċċożament imma għar-raġunijiet validi u ġusti kif jiġi ppruvat fit-trattazzjont tar-rikors. Għall-kuntrarju jidher mill-proċeduri odjerni illi huma r-rikorrenti senjatament Gordon Mizzi illi qed jaġixxi in mala fede u dana peress illi meta ġie rimoss minn direttur bil-mod kif espost fil-paragrafu 5 u ħassu iżolat ma sabx triq oħra ħlief illi jirrikorri għal dawna l-proċeduri illi huma għal kollox vessatorji u bla ebda bażi fattwali u legali.

8. Illi dwar dak illi qed jingħad fis-sitt paragrafu tat-tieni paġna anke kieku r-rikorrent Gordon Mizzi baqa' jesplika l-mansjonijiet tiegħu ta' direttur tas-soċjetá Demoncada Limited ma kellu l-ebda garanzija, kif qed jidher illi jippretendi li għandu, illi kien sejjer ikun imsejjaħ biex jipparteċipa fil-management tal-grupp Mizzi Organisation u wisq anqas illi jiġi nominat direttur ta' xi kumpanija formanti parti mill-Mizzi Organisation.

9. Illi l-ilmenti miġjuba 'l quddiem fis-seba' paragrafu tat-tieni paġna għandhom jiġu diretti kontra s-soċjetajiet illi qegħdin jilmentaw dwarhom ir-rikorrenti. A skans ta' ekwivoċi jiġi pero'rilevat illi l-intimati huma konxji ta'dak illi qed isir fil-ġestjoni tas-soċjetajiet

formanti parti mill-Mizzi Organisation fis-sens illi dawna qegħdin jitmexxew b'mod korrett u fl-interess tal-azzjontsti kollha nkluż ir-rikorrent.

10. Illi kuntrarjament għal dak illi qed jiġi allegat mill-fuq espost jidher manifestament ċar illi ma teżisti l-ebda raġuni ta' natura tali illi tiġġustifika x-xoljiment tas-soċjetá Demoncada Limited. Fir-rikors wieħed ma jirriskontra l-ebda raġuni illi timmerita dan il-pass billi l-ilmenti kollha msemmija fir-rikors huma ndirizzati lejn terzi illi mhumiex parti f'dawn il-proċeduri salv għat-tneħħija tar-rikorrenti Gordon Mizzi minn direttur fatt illi ma għandu ebda relevanza għall-materja in kwistjoni u li dwaru l-esponenti fil-paragrafu 5 ta' dina r-risposta diġa' esprimew ruħhom.

11. Illi in vista tas-suespost:

1. Ma hemmx raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment konsegwentement l-istralċ tal-kumpanija.

2. Ir-rikorrenti naqqsu milli jippreċiżaw a bażi ta' liema artikoli l-oħra tal-Att Dwar il-Kumpaniji qegħdin jitolbu x-xoljiment tas-soċjetá. F'kull każ l-artikolu 214 (2) mhux applikabbli għall-każ in diżamina peress illi kif jafu ben tajjeb ir-rikorrenti s-socjeta Demoncada Limited hija *'holding company'*; ma tiġġestixxi l-ebda tip ta' negozju u kull ma tagħmel hu illi, tipperċepixxi *"dividends"* mis-soċjetajiet illi fiha hi parteċipi liema *"dividends"* kienu u għadhom jiġu ripartiti bejn l-azzjonisti kollha, inkluż ir-rikorrenti fi kwoti ugwali. Is-soċjetá għanda assi konsidervoli u l-ebda passivitá. Dina l-allegazzjoni da parti tar-rikorrenti hi għal kollox *gratuita*; bla ebda bażi fattwali magħmula in mala fede u ntiża biss biex tirrekka dannu lis-soċjetá Demoncada Limited. L-esponenti għalhekk iżommu ferm u integru kwalsiasi dritt spettanti lilhom kontra r-rikorrenti senjatament dik għad-danni.

Għalhekk id-domandi tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbali tal-kawża, inkluż l-*affidavits* u depożizzjonijiet;

Rat illi permezz tar-risposta minnhom ippreżentata fis-7 ta' Frar 2003 [fol 10], il-konvenuti kollha flimkien wieġbu għat-talbiet attriċi billi preliminarjament taw l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' *locus standi* da parti tal-atturi. Din l-eċċezzjoni preliminari ġiet miċħuda permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-14 ta' Frar 2005 [fol 36] u kkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, anke jekk għal raġunijiet differenti minn dawk mogħtija minn din il-Qorti, fit-28 ta' April 2006.

Rat ukoll illi l-konvenuti nvokaw il-prinċipju ta' *ne bis in idem.* Jirriżulta illi din il-kawża qegħda tinstema' kontestwalment ma' kawża oħra fl-ismijiet ***"Gordon Mizzi et* vs Dr John C. Grech *et"*** bin-numru 921/02JA u permezz tal-verbal tal-Qorti tal-10 ta' Ottubru 2011, il-partijiet qablu li *"l-provi f'din il-kawża jikkostitwixxu prova wkoll fil-kawża 1327/2002JA u vice versa."* Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-atturi [fol 815] jissottometti illi l-fatt li s-soċjetajiet konvenuti qablu ma' dan jixhed illi l-konvenuti taċitament irrinunzjaw għat-tieni eċċezzjoni tagħhom.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Lulju 2016 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-23 ta' Novembru 2016, fejn minħabba indispożizzjoni tal-Imħallef sedenti kellha titħalla għall-11 ta' Jannar 2017.

**FATTI FIL-QOSOR**

Illi f'din il-kawża l-atturi talbu l-Qorti tordna x-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpanija konvenuta. Da parti tagħhom il-konvenuti jikkontendu illi ma hemmx raġunijiet gravi

biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpanija.

***CORPORATE GROUP STRUCTURE***
Illi l-istruttura tal-grupp ta' kumpaniji mertu tal-kawża odjerna, nħolqot mit-tfal tal-fondatur, Spiridione Mizzi, u ċjoe' l-aħwa John Mizzi (Daragon Limited); Joseph Mizzi (Demoncada Limited u Demoncada Holdings Limited) u Maurice Mizzi (Devilhena Limited) – kollettivament magħrufa bħala Mizzi Organisation – bl-iskop illi kull wieħed, *tramite* l-kumpanija tiegħu, jkollu sehem ta' terz minn kull kumpanija formanti parti mill-grupp.

## BAŻI TAL-AZZJONI ODJERNA

Il-kawża odjerna għax-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpanija konvenuta hija bbazata fuq l-artikolu 214(2) tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta). Il-konvenuti eċċepew illi l-atturi naqsu milli jippreċiżaw a bażi ta' liema artikolu speċifiku tal-liġi kienu qegħdin jitolbu x-xoljiment tal-kumpanija. Din il-Qorti tinnota illi kien biss fin-nota ta' sottomissjonijiet illi l-atturi speċifikaw il-kawża eżatta li għaliha huma qegħdin jitolbu x-xoljiment u konsegwentement stralċ tal-kumpanija [fol 816],

*"In vista ta' dak eċċepit mill-intimati dwar l-inapplikabbilta' tal-artikolu 214 sub-artikolu (2) tal-Att dwar il-Kumpaniji huma sejrin jibdew billi jikkwotaw dak li jgħid dan l-artikolu:*

*'(2) Barra mill-mod ta' xoljiment imsemmija fis-sub-artikolu (1) - omissis –*

*(b) kumpanija għandha tkun xolta bil-Qorti fil-każijiet li ġejjin – omissis –*

*(iii) il-Qorti tkun tal-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpanija.*

*Ir-rikorrenti qegħdin jibbażaw it-talba tagħhom fuq dan is-sub-inċiż u jissottomettu bir-rispett illi, għal kuntrarju ta' dak eċċepit mill-intimati, japplika perfettament għall-fatt konċernanti s-soċjetá Demoncada Limited."*

Illi *inoltre* l-konvenuti jikkontendu li f'kull każ l-artikolu 214(2) mhux applikabbli għall-każ in deżamina peress illi s-soċjetá konvenuta Demoncada Limited hija *"holding company"* li ma tiġġestixxi l-ebda tip ta' negozju u kull ma tagħmel hu li tipperċepixxi *dividends* mis-soċjetajiet li fiha hi partecipi liema *dividends* kienu u għandhom jiġu ripartiti bejn l-azzjonijisti kollha inkluż l-atturi fi kwoti ugwali. Is-soċjetá għandha assi konsidevervoli u l-ebda passivita'.

Illi f'dan ir-rigward l-atturi jissottomettu li [fol 819]:

*"L-esponenti bir-rispett jissottomettu li ċ-ċirkostanzi ta': "lack of probity", "exclusion from management" u "oppression, unfair prejudice and unfair discrimination" ġja' ġew minnhom trattati fin-nota ta' sottomissjonijiet li ser tiġi ppreżentata fil-kawża fl-ismijiet* **"Gordon Mizzi et vs Dr John C. Grech et"** *(Ċit. Nru 921/02JA)."*

Illi fis-suċċint din il-Qorti tirrileva illi l-kawża surreferita (u ċjoe' *Ċit. Nru 921/02JA)* hija kawża bejn azzjonisti (l-atturi fil-kawża odjerna) u kumpaniji formanti parti minn grupp ta' kumpaniji li minn kumpanija bejn membri tal-istess familja Mizzi kibret qatiegħ u żviluppat f'organizzazzjoni kumplessa li tħaddem ħafna nies. Waħda mil-lanjanzi ewlenin tal-atturi huwa n-nuqqas ta' rappreżentanza xierqa fuq il-Bord tad-Diretturi. Jidher illi ċ-ċirkostanza li tat lok għal kawża kienet it-tneħħija tal-attur, Gordon Mizzi minn direttur. Da parti tagħhom is-soċjetajiet konvenuti għamlu referenza għall-artikolu 140 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħti s-setgħa lill-

azzjonisti ta' kumpanija li jneħħu lid-direttur. Huma saħqu illi dan huwa dritt sagrosant tal-azzjonisti u mhuwiex minnu li t-tneħħija tal-attur, Gordon Mizzi jammonta għal preġudizzju nġust iżda huwa każ fejn l-azzjonistu eżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont il-liġi. Jidher ukoll li hemm qbiel bejn il-partijiet fuq il-fatt illi kien hemm il-prattika illi jkun hemm rappreżentant ta' kull familja fuq il-Bord iżda ma jirriżultax li hemm klawsola jew artikolu speċifiku f'dan is-sens fl-Istatut tal-kumpaniji konvenuti u lanqas ma hemm *Shareholders Agreement* li jistipula din il-kondizzjoni. Gordon Mizzi, jkompli billi jisħaq illi huwa jgawdi minn *"B" shares* li skont kif jispjega fl-*affidavit* tiegħu stess:

*"The rationale for the B shares given one extra vote was to ensure long term executive employment in the family business."*

Illi marbut ma' dan huwa l-fatt li jsemmi Gordon Mizzi illi din kienet ix-xewqa ta' missieru sabiex jirritorna Malta. Dawn iż-żewġ fatti magħqudin flimkien l-attur, Gordon Mizzi ssottometta joħolqu aspettativa leġittima li huwa jipparteċipa fir-rappreżentanza ta' dawn il-kumpaniji. Da parti tagħha l-attriċi, Corinne Apap Bologna ilmentat illi b'differenza għall-aħwa l-oħra hija qatt ma ngħatat kariga mal-kumpanija konvenuta iżda jidher illi fil-fatt hi ġiet offruta li tiġi nominata fuq Kumitat tal-kumpanija iżda hija rrifjutat għax qisitu *"handout."*

Illi l-kontendenti għamlu referenza ampja għall-kitbiet tal-Prof Muscat u awturi Ngliżi fuq din l-azzjoni magħrufa bħala *"Minority Action."* Il-Qorti tinnota illi l-atturi jiċċitaw t-tagħlim li ħareġ mid-deċiżjoni **"Ebrahimi vs Westbourne Galleries Ltd"** imsemmija aktar 'il fuq, partikolarment dwar il-*"quasi partnership analogy."* L-atturi donnhom riedu jestendu l-applikazzjoni ta' din il-*"quasi partnership analogy"* għall-każ odjern iżda din il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament. Kif ben jissottomettu s-soċjetajiet konvenuti l-*"quasi partnership analogy"* setgħet possibilment ġiet applikata għall-origini tal-kumpanija u ċjoe' meta Spiridione Mizzi għadda l-

*business* tal-kumpanija lit-tliet ulied tiegħu. Iżda fil-prezent anke jekk wieħed jiffoka biss fuq is-soċjetajiet konvenuti dawn huma *"holding companies"* – u mhux xi struttura informali bejn il-familja (bħal dik kontemplata fid-deċiżjoni hawn fuq ċitata) – li jifformaw parti minn struttura korporattiva kumpless 'l hinn ħafna minn *quasi partnership.* Għaldaqstant il-Qorti ħasset li l-każ ta' **"Ebrahimi vs Westbourne Galleries Ltd"** ma japplikax għall-każ odjern. L-atturi wkoll għamlu referenza għall-ekwita' iżda għal darb' oħra din il-Qorti qablet ma' dak sottomess mis-soċjetajiet konvenuti illi m'għandhiex tiġi applikata mingħajr ma l-Qorti tevalwa l-punti ta' liġi u ta' fatt.

Illi l-atturi saħqu wkoll illi l-Qorti għandha tikkunsidra l-provi miġjuba minnhom dwar l-andament tal-kumpaniji l-oħra ta' Mizzi Organisation u dana għaliex is-soċjetajiet konvenuti jifformaw parti minn dan il-grupp. Huma ċċitaw bran mill-ktieb tal-Prof Muscat (fol 358) li jagħti bħala eżempju *"a company's control of the affairs of its subsidiary"* – iżda f'dak il-każ l-kumpaniji l-oħra parti minn Mizzi Organisation żgur mhumiex sussidjarji tas-soċjetajiet konvenuti u għaldaqstant ma huwiex applikabbli. Huwa veru illi Prof Muscat jagħmel referenza għall-fatt *"and should not be limited to trading matters"* (fol 358) u għalhekk is-soċjetajiet konvenuti għandhom ir-responsabbilitajiet tagħhom skont il-liġi. Iżda l-Qorti kkunsidrat illi ma setgħetx ma tagħrafx illi għalkemm l-atturi elenkaw diversi lmenti u lanjanzi dawn huma mmirati kontra kumpaniji oħra ta' Mizzi Organisation li ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju minn din il-Qorti. L-atturi għamlu referenza għal possibbli kunflitt ta' interess tad-direttur, Kenneth Mizzi iżda din il-Qorti tirribadixxi l-fatt li huwa mhuwiex konvenut f'din il-kawża.

Illi wara li kkunsidrat il-provi kollha u l-fatti tal-każ il-Qorti ma ħassitx illi hija f'qagħda li tilqa' t-talba tal-atturi għal dikjarazzjoni ta' oppressjoni da parti tas-soċjetajiet konvenuti. Ikkunsidrat illi huwa veru li mill-kliem tal-Prof Muscat li t-terminu *"unfair prejudice"* għandu jingħata *"wide meaning"* imma fl-istess waqt dan

ma jista'x imur kontra d-dettami tal-liġi. Iżda l-Qorti ħasset illi għalkemm il-prattika ta' rappreżentanza għandha r-rilevanza tagħha, tqies illi bis-snin ta' esperjenza ta' missier l-attur, Gordon Mizzi kieku vera xtaq li dan ikun dritt sagrosant ta' rappreżentanza ta' ibnu Gordon Mizzi kien jiehu ħsieb jagħmel skrittura f'dan is-sens u mhux jillimita ruhu għal *"B shares"*. Corinne Apap Bologna, għalkemm jidher illi tilmenta li m'għandhiex kariga fi ħdan il-kumpanija hija ġiet offruta post fuq Kumitat tal-kumpanija bħal ħutha bniet l-oħra iżda għar-raġunijiet tagħha għażlet li taċċettax. Issa dwar il-provi l-oħra esebiti dwar l-aġir allegatament oppressiv subit mill-atturi dan jitratta kumpaniji oħra ta' Mizzi Organisation – li bħala entitajiet b'personalitajiet ġuridici distinti din il-Qorti ma tħossx illi għandha l-jedd tiskrutinja l-aġir tagħhom. Għaldaqstant din il-Qorti waslet għall-konklużjoni illi ma setgħetx tilqa' t-talbiet attriċi.

Illi għalhekk isegwi li tiġi trattata s-sottomissjoni tal-atturi illi [fol 819]:

*"Finalment jiġi osservat kif, mingħajr preġudizzju għat-talbiet tal-esponenti kif kontenuti fil-kawża 921/02, f'każ illi din l-Onorabbli Qorti tħoss illi m'hemmx bażi fuq x'hiex jiġi dikjarat li l-membri tal-kumpaniji Demoncada Limited u Demoncada Holdings Limited qegħdin ibatu minn preġudizzju nġust, xorta waħda għandha tikkonkludi li l-fatti deskritti fin-nota relattiva jammontaw għal raġunijiet gravi biżżejjed għall-iskopijiet tar-rikors odjerna u dan billi kif jgħallem il-Professur Muscat (paġna 1030):*

*'Article 214(2)(b)(iii) therefore retains particular relevance in situations of irretrievable breakdown in relations or other situations where circumstances arise outside the scope of what the members had originally contemplated and which make it unjust and inequitable for the parties to continue their relationship even if the defendants are not culpable of unfair prejudicial conduct within the terms of article 402.'*

*Ir-rikorrenti jinsabu f'pożizzjoni fejn tilfu kompletament il-fiduċja fil-persuni li qegħdin jamministraw u jiġġestixxu l-assi tal-kumpanija intimata…"*

Illi in konklużjoni l-atturi jissottomettu illi [fol 821]:

*"Finalment l-esponenti jirreferu bir-rispett għall-affidavits ta' Veronique Mizzi u Angele Calleja (a fol. 335 et seq u 340 et seq rispettivament – paragrafu 17) fejn l-intimati qegħdin jiddikjaraw illi f'każ ta' xoljiment tal-kumpaniji huwa improbabbli li l-azzjonisti ta' Demoncada jirċievu valur ġust għall-ishma tagħhom. B'din id-dikjarazzjoni dawn iż-żewġ intimati donnhom qegħdin jippretendu li din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tagħti ordni għax-xoljiment tal-kumpanija intimata in vista ta' dan il-fatt minnhom allegat. Madanakollu, l-esponenti jissottomettu bir-rispett illi kuntrarju għaċ-ċirkostanzi previsti mill-artikolu 214(2)(a) fejn kumpanija '<u>tista'</u> xxolji u tkun stralċjata mill-qorti', fil-każ taċ-ċirkustanzi fejn jeżistu raġunijiet serji biżżejjed l-leġislatur għażel li juża l-kliem 'kumpanija <u>għandha</u> tkun xolta bil-Qorti.' Jidher għalhekk illi l-leġislatur ħoloq distinzjoni ċara fejn fl-ewwel każ il-Qorti għandha diskrezzjoni jekk tordnax ix-xoljiment jew le kif ġie ritenut mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet* ***"Christian Mifsud vs F1 Autotest Limited"*** *(deċiża fid-29 ta' Novembru 2012) filwaqt illi fit-tieni każ l-legislatur għażel li ma jagħtix l-istess diskrezzjoni lill-Qorti u allura appena kif il-Qorti tkun konvinta li jeżistu raġunijiet gravi hija għandha tordna l-istralċ. Din it-teżi hija sorretta anke mill-fatt illi fil-każ tas-subincizi (b)(ii) u (b)(iv) l-legislatur ipprovda b'mod specifiku dwar cirkostanzi fejn il-Qorti tkun tista' tagħti terminu lill-kumpanija in kwistjoni sabiex tirrimedja għan-nuqqas iżda ma pprovda għall-ebda ċirkostanza simili fil-każ tas-sub-inċiż (b)(iii) li qed jiġi nvokat mir-rikorrenti. Din id-distinzjoni ġiet rilevata mill-Onorabbli Qorti fil-kawża appena ċitata."*

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

Illi b'mod preliminari jiġi osservat illi stralċ huwa rimedju straordinarju. L-atturi jgħaddu biex jagħmlu referenza ampja għall-ktieb tal-Prof Andrew Muscat fejn huwa jitratta *"grounds of sufficient gravity"* – il-kawża nvokata mill-atturi bħala l-bażi tal-azzjoni għax-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpanija. Prof Muscat ġustament jinnota illi l-eqreb kawża fil-liġi Ngliża fallimentarja li fuqha hija mudellata l-leġislazzjoni nostrana hija *"just and equitable grounds."* Imbagħad ikompli billi jelenka l-eżempji mogħtija minn awtur ieħor Farrar ta' x'jinkwadra ruħu taħt il-kappa ta' *"just and equitable grounds."* Issa kif ġja' ġie rilevat aktar 'il fuq l-atturi jsemmu bħala applikabbli għall-każ tagħhom bħal per eżempju *"lack of probity"*, *"exclusion of management"* u oppressjoni tal-minoranza. Għalkemm din il-Qorti tirrikonoxxu illi li kieku din il-kawża ġiet debitament ppruvata jkollha tgħaddi biex tippronunzja x-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-kumpanija – il-kwistjoni aħħarija hija jekk l-aġir ilmentata minnu mill-atturi jistax jiġi attribwit lis-soċjetá konvenuta. Nibdew mid-diretturi l-oħra, il-konvenuti, li għalkemm l-atturi jagħmlu allegazzjoni kontra Veronique Mizzi u Angele Calleja – din il-Qorti mhix konvinta mill-provi prodotti li jeżistu *"grounds of sufficient gravity"* li jarreka preġudizzju lill-atturi kif meħtieġ skont il-liġi. Dwar Kenneth Mizzi jilmentaw illi dan għandu kunflitt ta' interess. Imma l-fatt biss illi l-istess Kenneth Mizzi huwa involut f'*business* ieħor ma jfissirx illi mhuwiex kapaċi illi jaqdi dmirijiet ta' direttur skont il-liġi. Il-Qorti tħoss illi saru diversi allegazzjonijiet wiesa' kontra d-diretturi attwali tas-soċjetá konvenuta iżda ma jidhirx illi kien hemm xi aġir tad-direttur tal-kumpanija konvenuta li jilledu l-obbligi u responsabbilitajiet li jinkombu lil kull direttur skont il-liġi. Meta jiġi għal *"lack of probity"* għal darb' oħra tagħmel referenza għad-dmirijiet li jinkombu fid-diretturi skont il-liġi bhal per eżempju iż-żamma tal-laqgħa annwali ġenerali eċċetera, u mhix konvinta li hemm xi nuqqasijiet gravi f'dan il-konfront mis-soċjetá konvenuta. Kif ġja' ġie spjegat din il-Qorti ma tistax tikkunsidra l-provi miġjuba kontra kumpanija oħra formanti parti minn Mizzi Organisation għax

dawn entitajiet ġuridici separati. F'kwalunkwe każ jidher illi hemm rimedju oħra ta' *"delinquent directors"* li ma jġibux il-konsegwenzi serji ta' stralċ. Dwar it-tneħħija ta' Gordon Mizzi u l-ilment imressaq mill-attriċi l-oħra Corinne Apap Bologna ta' nuqqas ta' rappreżentanza u oppressjoni ta' minoranzi l-Qorti ġja' ppronunzjat ruħha. Iżda jiġi ribadit illi l-Qorti mhix konvinta mill-provi miġjuba kontra l-kumpanija konvenuta illi kien hemm aġir da parti tagħha u b'mod partikolari mill-amminstrazzjoni li kien jilledi d-drittijiet tal-atturi *qua* azzjonisti minoritarji. Jidher illi l-ilment tal-atturi huwa kontra Mizzi Organisation – u mhux direttament kontra s-soċjetá konvenuta, parti f'din il-kawża. *Inoltre* ma jidhirx illi s-soċjetá konvenuta għandha bilanċ negattiv li jista' jimpatta ħażin fuq l-atturi u dana in vista tal-fatt li hija *"holding company."*

Illi għar-raġunijiet suesposti din il-Qorti ma tħossx illi tista' tilqa' t-talba attriċi u dana peress illi mhijiex konvinta li jeżistu *"grounds of sufficient gravity"* sabiex din tkun debitament milqugħa.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti relattivi kif spjegat u tiċħad it-talbiet attriċi.**

**Bl-ispejjeż a kariku tal-istess atturi.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**